MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 715/1993/1

**Avukat Dottor Godwin Aquilina fil-kwalità tieghu ta' Legal Executive ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Simonds Farsons Cisk Limited; u b'nota tat-28 ta' April 1997 Dr. André J. Camilleri assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. Godwin Aquilina u b'nota tat-22 t' Ottubru 2002 Anthony Tabone bhala Segretarju ta' Simonds Farsons Cisk plc assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. André J. Camilleri**

**vs**

**Eucharist Zammit u Joseph Zammit bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Mira Motor**

**Sales Limited u b'nota tat- 2 ta' Settembru, 1993 Frank Fenech assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tas-socjetà konvenuta flimkien ma' Joseph Zammit minflok Eucharist Zammit u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 1993 Emmanuel Ciantar gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta illi s-socjetà attrici ordnat minghand is-socjetà konvenuta *light duty truck* tal-marka Isuzu NKR bil-prezz ta' Lm5164 skond *purchase order* numru 17334 mahrug fl-10 ta' April, 1992 (Dok. A) u hallset akkont is-somma ta' Lm1722;  illi f'Settembru, 1992, is-socjetà attrici inkarigat lill-certu Manwel Ciantar, rakkomandat mid-ditta konvenuta, sabiex eventwalment jahseb biex jarma platform ta' l-azzar u jghamel xi tibdil konsegwenzjali fuq l-imsemmi truck;  illi f'Ottubru ta' l-istess sena, is-socjetà konvenuta, fuq talba ta' l-imsemmi Ciantar, minghajr preavviz lid-ditta attrici u meta t-truck kien lanqas biss ghadu ma gie licenzjat biex johrog fit-triq, ikkonsenjat it-truck lill-istess Ciantar kontra l-istruzzjonijiet fuq l-imsemmija *purchase order* li d-*delivery* kellha ssir lid-ditta attrici - "*delivery terms:  to be collected by us*" (id-ditta attrici);  illi waqt li l-imsemmi truck kien fil-pussess ta' Ciantar, dan gie allegatament misruq minn terzi persuni mhux maghrufa;  illi s-socjetà konvenuta qed tichad kwalsiasi responsabilità u qed tghid li mhux f'qaghda li taghmel il-konsenja tat-truck lid-ditta attrici ai termini tal-precitata *purchase order*;  u illi n-nuqqas ta' konsenja tat-truck qed jikkawza danni rilevanti lid-ditta attrici;  talab ghaliex il-konvenuti nomine (1) m'ghandhomx jigu kkundannati  jikkonsenjaw it-truck fuq deskritt lid-ditta attrici ai termini tal-*purchase order* numru 17334 tal-10 ta' April, 1992, u dana fi zmien qasir u perentorju li jghogobha tiffissa dik il-Qorti;  (2)  m'ghandhomx, in difett, jigu dikjarati responsabbli ghad-danni lejn id-ditta attrici imhabba in-nuqqas ta' konsenja kif fuq inghad;  (3) m'ghandhomx dawn id-danni jigu likwidati minn dik il-Qorti occorrendo b'opera ta' perit nominand;  u (4) m'ghandhomx il-konvenuti nomine jigu kkundannati jhallsu

lill-attur nomine id-danni hekk likwidati; bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Protest tal-20 ta’ April, 1993, u bl-interessi kummercjali, kontra l-konvenuti nomine li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur nomine u l-lista tax-xhieda u n-nota ta’ dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine illi permezz taghha eccepew:
1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjetà konvenuta kienet digà ikkonsenjat it-truck de quo lis-socjetà attrici billi kkonsenjatu lill-certu Emmanuel Ciantar inkarigat mill-istess socjetà attrici;
2. Illi ghalhekk is-socjetà konvenuta ma tistax tikkonsenja t-truck li digà ikkonsenjat lis-socjetà attrici;
3. Illi s-socjetà konvenuta ma hi responsabbli ghall ebda danni;
4. Illi huwa opportun li jigi kjamat fil-kawza l-imsemmi Emmanuel Ciantar;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine, guramentata mill-konvenut Francis Fenech, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Emanuel Ciantar illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi huwa bl-ebda mod ma hu responsabbli ghat-telf tal-vettura in kwestjoni;
Salvi eccezzjonijiet (*sic*);

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kjamat fil-kawza - li erroneament indika lilu nnifsu bhala konvenut - u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ April, 1999 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
“Ghal dawn ir-ragunijiet ta’ dritt u ta’ fatt din il-kawza hija deciza billi l-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici.

"Dwar spejjes il-kjamat fil-kawza m'ghandux ibati ebda spejjez ta' din il-kawza li invece ghandhom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jinqasmu ugwalment bejn is-socjetà attrici w is-socjetà konvenuta."
u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Rat in-<u>Nota ta' l-Osservazzjonijiet tas-socjetà konvenuta Mira Motor Sales Limited</u> li giet ipprezentata fl-14 ta' Lulju 1997, kontestwalment mar-rikors taghha tal-14 ta' Lulju, 1997.
"Is-socjetà konvenuta tesponi bir-rispett illi l-fatti in breve huma s-segwenti:-
"Fl-10 ta' April 1992, is-socjetà attrici harget *purchasing order* lis-socjetà konvenuta sabiex tixtri van tal-marka Isuzu u hallset ukoll is-somma ta' Lm1722 akkont tal-prezz. Is-socjetà konvenuta accettat il-*purchasing order* u sarrfet ic-cheque bhala konferma ta' din l-accettazzjoni. Ghad-ditta attrici Simonds Farsons Cisk Ltd. kien qed jagixxi principalment Francis Deguara, il-*Purchasing Officer*, kemm qabel kif ukoll wara li gie konkluz il-ftehim fuq dan il-van.
"L-esponenti fin-nota tieghu jaghmel riferenza u fil-fatt jikkwota x-xhieda moghtija minn Francis Deguara, kif ukoll dik tal-kjamat fil-kawza Emanuel Ciantar.
"L-esponenti imbaghad ikompli biex ighid illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma ampjament deskritti fix-xhieda li huwa iccita, u cioè, tal-*Purchasing Officer* tas-socjetà attrici Francis Deguara u tal-kjamat in kawza Emanuel Ciantar. L-esponent jeccepixxi li m'ghandu jkun hemm ebda dubbju illi s-socjetà konvenuta kkonsenjat il-van de quo lis-socjetà attrici meta din ta' l-ahhar inkarigat lil Emanuel Ciantar specifikatament sabiex jiehu minghand is-socjetà konvenuta dan il-van sabiex isir xoghol fuqu ordnat mill-istess socjetà attrici. Il-kjamat fil-kawza xehed illi '*cempluli ta' Farsons u qaluli li kollox sew - jigifieri li kienu accettaw l-istima*' u qalulu biex imur ghall-van minghand is-socjetà konvenuta wara li kellhom jibghatulu karta li tawtorizzah jaghmel dan. Ciantar kien car fix-xhieda tieghu - '*Meta mort ghand Mira Motors urejthom dan id-dokument u a bazi ta' dan id-dokument irrilaxxawli l-van in kwistjoni*.' Francis Deguara wkoll ikkonferma li l-istima tax-xoghol fuq il-van kienet qed tigi accettata.

"M'ghandu jkun hemm ebda dubbju illi meta Ciantar ipprezenta ruhu ghand is-socjetà konvenuta sabiex jiehu f'idejh il-van de quo, huwa kien qed jagixxi fil-kwalità tieghu ta' mandant tas-socjetà attrici. Dan il-mandat kien konfermat bil-kitba u kien biss a bazi ta' dan id-dokument (Dokument 'FD2' a fol. 32 tal-process) li s-socjetà konvenuta irrilaxxjat il-van de quo lil Ciantar. Kemm Ciantar kif ukoll Deguara kkonfermaw illi kien Deguara stess ghan-nom tas-socjetà attrici li kkomunika direttament ma' Ciantar dwar ix-xoghol li xtaqu li jsir fuq it-trukk de quo u kif waslu ghall-prezz. F'dawn it-trattattivi s-socjetà konvenuta ma kienet involuta qatt. Inoltre, waqt li l-vettura kienet ghand Ciantar, Francis Deguara kien jibghat lil Ray Scerri sabiex jara l-progress tax-xoghol li kien qieghed isir.

"Jigi rilevat illi fil-mument li l-vettura nsterqet, mhux biss kien hemm *purchase order* bil-miktub li giet konfermata mis-socjetà konvenuta, mhux biss kienet thallset is-somma ta' Lm1722 akkont tal-prezz, izda wkoll is-socjetà attrici kienet hadet pussess tal-vettura tant illi bdiet taghmel xoghol sostanzjali fuqu fuq inkarigu taghha u a spejjez esklussivament taghha. Dan gie sostnut mill-protagonisti tal-kwistjoni Deguara u Ciantar.

"Tant il-vettura de quo fil-mument ta' l-allegata serqa kienet già giet konsenjata lis-socjetà attrici, illi fuq domanda tad-difensur tas-socjetà attrici in ri-ezami, Deguara ghalaq ix-xhieda tieghu bil-mod segwenti: '*Ghandi nghid illi ghalkemm ma kelliex id-dokumenti f'idejja, probabbilment li kieku Emmanuel Ciantar cempilli u qalli li t-tinda lesta jiena kont immur nigbru allavolja ma kelliex dawn id-dokumenti f'idejja*.'

"Din il-konkluzzjoni fix-xhieda ta' Deguara taqbel hafna ma' kif zvolgew il-fatti ta' dan il-kaz fis-sens illi mill-bidu nett, is-socjetà attrici riedet li tkun hi li tiehu hsieb tohrog polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura de quo. Skond il-ftehim kienet is-socjetà attrici obbligata li tottjeni polza ta' assigurazzjoni. Meta r-rapprezentant tas-socjetà attrici talab lil Ciantar imur jigbor il-vettura minghand is-socjetà konvenuta kien qed jerfa r-responsabbilità ghal dak li seta' jigri lill-vettura nkluz l-akkadut.

"M'ghandux ikun hemm dubbju illi kien Francis Deguara li talab lil Ciantar imur jigbor il-vettura de quo minghand is-

socjetà konvenuta. Deguara kkonferma li kien hu li cempel lil Ciantar sabiex jikkonferma l-ordni a bazi ta' l-istima. Ciantar minn naha tieghu qal illi min cempillu biex jinfurmah li l-istima kienet qed tigi accettata kien qallu wkoll sabiex imur jigbor il-vettura minghand is-socjetà konvenuta. Fuq dan l-ahhar dettall, Deguara qal li ma jiftakarx jekk kienx hu li talab lil Ciantar imur ghal vettura, izda ma eskludiex dan. Zgur li Ciantar ma kienx qed jagixxi ghan-nom tas-socjetà konvenuta. Jista' jinghad illi s-socjetà attrici tibbaza t-talbiet taghha fuq il-premessa illi '*f'Ottubru ta' l-istess sena, s-socjetà konvenuta, fuq talba ta' l-imsemmi Ciantar, <u>minghajr preavviz lid-ditta attrici</u> kkonsenjat it-trukk lil Ciantar <u>kontra l-istruzzjonijiet fuq l-imsemmija 'purchase order</u>' li d-delivery kellha ssir lid-ditta attrici*'. Gie ampjament ippruvat li din il-premessa ma treggiex u ma tirriflettix il-verità.

"Stabbilit illi l-vettura de quo giet konsenjata lis-socjetà attrici meta l-mandatarju taghha Emanuel Ciantar, fuq struzzjonijiet specifici ta' Francis Deguara, ha l-konsenja tal-vettura minghand is-socjetà konvenuta u beda jaghmel xogholijiet fuqha fuq struzzjonijiet ta' l-istess Francis Deguara, isegwi illi l-ewwel talba attrici hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt. Konsegwentement is-socjetà konvenuta ma tistax tinstab responsabbli ghad-danni minhabba nuqqas ta' konsenja kif inkorporata fit-tieni talba.

"Ghal kull buon fini jinghad illi s-socjetà attrici setghet facilment evitat din il-kwistjoni kieku hadet hsieb li tinxurja l-vettura qabel inkarigat lil Ciantar johodha minghand is-socjetà konvenuta. M'hemmx dubju li kienet taf li ma hemmx polza ta' assikurazzjoni fuq din il-vettura ghaliex kienet ghamlitha cara bil-miktub fuq il-*purchase order* illi ma ridietx lis-socjetà konvenuta tiehu hsieb l-assigurazzjoni izda kienet ser tiehu hsiebha l-istess socjetà attrici. Ma tistax issa titfa l-htija fuq is-socjetà konvenuta ghal dak li gara.

"Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront tas-socjetà konvenuta, ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

"Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tas-socjetà attrici b'risposta ghal dik tas-socjetà konvenuta, li giet prezentata fl-14 ta' Lulju 1997.

"Is-socjetà attrici tesponi illi d-domanda taghha hi ghal kundanna tad-ditta Mira Motor Sales Ltd. biex jikkunsinjaw lid-ditta attrici l-*light duty truck* tal-marka NKR li xtraw minn ghandhom fl-10 ta' April 1992 bil-prezz ta' Lm5164 li minnu d-ditta attrici hallset akkont ta' Lm1722 u, in difett, ghal hlas tad-danni.

"Irrizulta li d-ditta attrici xtrat it-trukk ghal bzonnijiet tal-kummerc taghha u ghal dan l-iskop kien hemm bzonn li t-trukk ikollu tinda u platform ta' l-azzar u jsirulu xogholijiet konsegwenzjali. Dan kien a pjenament konoxxenza tad-ditta Mira Motors li hi stess issuggerit li dan ix-xoghol isir minn certu Manwel Ciantar, kjamat fil-kawza b'digriet tas-7 ta' Novembru 1993, li d-ditta konvenuta kienet taf sewwa '*ghax hadmilhom fuq dawn it-tipi ta' trucks*', u skond id-ditta konvenuta dan Ciantar kien jaghmel xoghol tajjeb u fi zmien qasir.

"Il-ftehim kien li d-ditta konvenuta kellha takkwista d-dokumenti biex it-trukk seta' johrog *on the road*, u dawn id-dokumenti kellhom jintbaghtu lid-ditta attrici, sabiex din tiehu konsenja tat-trukk u tiehdu ghand Ciantar ghax-xogholijiet *extra* li kien hemm bzonn isiru fuqu. Minghajr dawn id-dokumenti t-trukk ma setax johrog fit-triq u lanqas ma seta' jigi nxurjat. Dan hu provvediment tal-ligi li hu fundamentali ghal kawza.

"Gara li d-ditta konvenuta kkonsenjaw it-trukk direttament lil Ciantar (kif xehed Frank Fenech, is-*Sales Manager* tal-Mira Motors, '*Darba gie Ciantar ghandi u gie ghat-trukk u jien tajtulu*') b'mod li t-trukk hareg *on the road* minghajr ma kellu d-dokumenti mehtiega u minghajr ma kien inxurjat. Ir-raguni ghal dan huwa immaterjali. Id-ditta Mira Motors ma setghetx titlaq it-trukk minn taht idejha qabel ma tizgura li t-trukk inhargitlu l-licenzja tal-Pulizija biex johrog fit-triq u kien kopert b'assikurazzjoni.

"L-assikurazzjoni kellha taghmilha d-ditta attrici però, kif xehed Francis Deguara (il-*purchasing officer* ta' Farsons), '*ahna ma stajnix ninxurjaw jekk ma jkollniex id-dokumenti mehtiega f'idejna*.' Ix-xhud tad-ditta konvenuta Frank Fenech (*sales manager*) kien preciz meta qal li

‘*teknikament (sic) irid ikun lest b’kollox biex wiehed ikun jista’ jirregistrah*.’

“Gara imbaghad li waqt li t-trukk kien fil-pussess ta’ Ciantar, insteraq.

“Minn dawn il-fatti inkontestabbli tohrog il-kwistjoni li la darba Mira Motors kisru l-ligi (ir-raguni ghaliex hi immaterjali) u kkonsenjaw lil Ciantar it-trukk sprovvist mid-dokumenti necessarji u minn polza ta’ assikurazzjoni, huma responsabbli ghal li gara u ma jistghux jippretendu minghand Farsons, il-bilanc tal-prezz tal-vettura (meritu tal-kawza kontestwali, Citazz. Nru. 1232/93, fl-ismijiet *Joseph Zammit et nomine vs Alfred Miceli Farrugia nomine*) jew jehilsu mir-responsabbilità ghad-danni sofferti mid-ditta Simonds Farsons Cisk Limited minhabba n-nuqqas tal-konsenja legali tat-trukk misruq (meritu tal-prezenti kawza).

“Ciantar ma kienx mandatarju tad-ditta attrici, izda kien persuna ta’ fiducja ta’ Mira Motors u maghzul minnhom biex jaghmel it-tinda fuq it-trukk in kwistjoni. Kien x’kien, id-ditta konvenuta ma tistax tahrab mill-fatt li hi kisret il-ligi meta ppermettiet li t-trukk johrog mis-showrooms taghha minghajr id-dokumenti w assikurazzjoni. Min jikser il-ligi jrid ibati il-konsegwenzi. F’kaz bhal dan, ir-riskju jghaddi mal-konsenja (*Gruppetta vs Florian*, Appell deciz fid-29 ta’ Jannar 1980).

“Tant id-ditta konvenuta hasset li l-pozizzjoni taghha kienet imwieghra li b’rikors tas-6 ta’ Marzu 1997, hi talbet li, fil-kawza Citaz. Nru. 1232/93, tbiddel *toto cœlo* t-talba taghha, u minflok dik ghal hlas tal-bilanc tal-prezz tat-trukk, talbet li t-talba titbiddel u ssir ‘ghal hlas tad-danni sofferti’. Il-Qorti però cahditilha t-talba.

“Naturalment jekk l-istanza tigi akkolta, l-likwidazzjoni tad-danni tithallas [*recte*: tithalla], kif soltu jsir, ghal gudizzju separat.

“Rat in-<u>Nota ta’ l-Osservazzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Emanuel Zammit</u> (!) (kunjom zbaljat) - (din in-nota tinstab fil-process numru 1232/93, bi svista, stante li n-numru tac-citazzjoni msemmija fin-nota hija 715/93, u ghalhekk kellha tigi mqieghda gol-process odjern).

“Fin-nota tieghu, l-esponenti jissottlinea illi hu m’ghandux jigi dikjarat responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-

socjetà attrici stante illi t-telf li garrbet l-istess socjetà kien unikament responsabbiltà taghha.

“Fl-ewwel lok, li gara f’dan il-kaz huwa illi filwaqt illi l-van kien qieghed ghand Emanuel Ciantar, dan insteraq mill-ghalqa tieghu li kien biswit il-garaxx fejn kien jaghmel ix-xogholijiet. Ir-rapprezentant tas-socjetà attrici, u cioè Ray Scerri, kien jaf illi t-trukk kien qed jinzamm f’din l-ghalqa u qatt ma xehed illi kien hemm xi oggezzjoni minn naha taghhom illi l-imsemmi trukk kien qed jigi kustodit f’dan il-post. L-esponenti ha l-mizuri kollha li kellhom jittiehdu f’dawn ic-cirkostanzi, meta nforma l-Pulizija minnufih bis-serqa, u pprova jfittex it-trukk huwa stess.

“Ma jfissirx li ghaliex il-van kien qieghed fil-kustodja ta’ Emanuel Ciantar fil-mument li nsteraq, allura hu ghandu jigi dikjarat responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

“L-esponenti pogga t-trukk fl-ghalqa peress illi kien qed jistenna biex is-socjetà attrici taghtih il-qisien biex hu jkun jista’ jkompli fuq ix-xoghol, haga li baqghet ma saritx. Hu ma setax ihalli t-trukk ipparkjat fil-garaxx tieghu sakemm rapprezentanti mis-socjetà attrici jaghtuh il-qisien biex ikun jista’ jkompli bix-xoghol.

“Mix-xhieda prodotta jirrizulta ampjament ippruvat illi kienet ir-responsabbiltà kemm ta’ Mira Motors kif ukoll tas-socjetà attrici li jiehdu hsieb li johorgu polza ta’ assikurazzjoni fuq il-van in kwistjoni. Anzi ghandu jinghad illi mill-*purchasing order* mahruga mis-socjetà attrici w ezibita fl-atti tal-kawza (Dokument ‘FD2’) jirrizulta illi kienet ir-responsabbiltà ta’ l-istess socjetà illi tohrog l-imsemmija polza kif jirrizulta mill-kliem - ‘*Insurance, strictly to our care*.’

“Il-kjamat fil-kawza ma hux tenut jidhol fil-merti ghaliex dik il-polza ma nhargitx u jekk kienx xi nuqqas minn naha tas-socjetà konvenuta jew tas-socjetà attrici. Francis Deguara, il-*purchasing officer* tad-ditta attrici xehed hekk:- ‘*Irrid nghid li qabel din il-gurnata rcevejna diversi telefonati minghand Mira Motors biex immorru ninxurjaw il-van. Jiena rrispondejthom li ma stajniex ninxurjawha la ma kellniex id-dokumenti f’idejna. Nirrepeti li dawn id-dokumenti kellhom jaslu ghandna minghand Mira Motors jew inkella ahna stess nibghatu lil xi hadd ghandhom biex nippikkjawhom … Jiena kont ghidtlu sabiex ilesti d-*

*dokumenti u jcempilli ha nibghat ghalihom. Hu lili ma cempillix u jiena ghalhekk ma bghatt lil hadd*.'

"Certament ghal dan in-nuqqas ma ghandux iwiegeb il-kjamat fil-kawza Emanuel Ciantar, u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda.

"Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 1997, il-kawza giet ampjament trattata mill-partijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat:

"Illi kif intqal din il-kawza hija konnessa mal-kawza Citaz. Numru 1232/93 hlief però f'din il-kawza hemm konvenut iehor fil-persuna tal-kjamat fil-kawza. Huwa ghalhekk illi fl-ewwel lok jiswa li l-Qorti tiddetermina r-responsabilitajiet ta' dan il-konvenut peress illi kien meta l-vettura kienet fil-kustodja tieghu illi din insterqet u twieldu ghalhekk dawn iz-zewg kawzi. F'dan il-kuntest huwa rrilevanti jekk il-vettura kienitx ghand il-kjamat fil-kawza ghax giet lilu moghtija mis-socjetà konvenuta jew jekk kienx qed jiddeteniha ghan-nom tas-socjetà attrici. Huwa però ta' rilevanza ghat-tieni parti ta' din is-sentenza li jinghad illi mill-provi sew permezz tax-xhieda moghtija sew dawk dokumentali jirrizulta illi l-vettura ttiehdet mill-kjamat in kawza fuq istruzzjonijiet tas-socjetà attrici.

"Irrizulta mill-provi illi l-kjamat fil-kawza kien qed izomm il-vettura fil-garage tieghu sakemm kien qed jahdem fuqha. Huwa però ma setax ikom[p]li bix-xoghol ghax kellu jigi moghti xi qisien mid-ditta attrici li dawn ma inghatawlux. Kien ghalhekk li beda jzomm it-trukk barra. Meta wiehed jikkonsidra dawn ic-cirkostanzi kif ukoll il-fatt li diversi persuni (infatti il-maggior parti) jhallu l-vettura taghhom barra, il-Qorti ma tistax tqis li dan id-depozitarju kien negligenti ghax ma hax hsieb il-haga '*daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu*.' (Artikolu 1899 - Kodici Civili, Kapitolu 16). Lanqas ma jirrizulta bhala fatt jew bhala obbligu legali li l-kjamat fil-kawza kellu r-responsabbilità li jinxurja huwa stess il-vettura. L-akkadut fil-konfront tieghu ma jistax ghalhekk jitqies hlief bhala 'forza magguri' u '*Id-depozitarju ma jwiegeb qatt ghall-accidenti li jigru b'forza magguri …*' (Artikolu 1909 - Kapitolu 16).

"Ir-relazzjoni guridika bejn is-socjetà attrici w is-socjetà konvenuta hija kemm xejn aktar ikkomplikata.

"Minkejja illi normalment meta l-oggett tal-bejgh huwa mobbli l-bejgh huwa perfett bejn il-partijiet meta jsir ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz (Artikolu 1347, Kapitolu 16) u li fis-sistema taghna ghalhekk il-kuntratt huwa perfezzjonat b'dan il-kunsens, il-ligi stess (sew fil-Kodici Civili sew f'ligijiet ohra) taghmel eccezzjonijiet fejn tesigi n-necessità ta' forma ghal-kompletezza tal-kuntratt. F'dan il-kuntest il-kuncett purament legali ta' '*traditio*' - il-konsenja ta' l-oggett u kif din taffettwa l-proprietà ta' l-istess u allura r-riskju tieghu, huwa sa certu punt immaterjali. Il-konsenja mhijiex necessarja ghat-trasferiment tal-proprietà u tibqa' wiehed mill-obbligi tal-venditur hlief li dan l-obbligu jsegwi l-forma u mhux il-kunsens f'dawk il-kuntratti fejn il-forma hi necessarja ghax f'dawn il-kazijiet huwa f'dak il-mument li l-bejgh huwa konkluz u allura jsegwu l-obbligi tal-venditur.

"It-trasferiment ta' vetturi huwa proprju wiehed minn dawk il-kazijiet fejn il-ligi tirrikjedi l-forma '*ad validitatem*'. Effettivament in-negozju in kwistjoni sar fl-1992. F'dik id-data kien ghadu in vigore l-Att XXXI tal-1981 li ghalhekk jiddetermina n-natura legali ta' dan in-negozju. Dan l-Att kien jipprovdi fl-Artikolu 40 li kull trasferiment ta' karozza bil-mutur, <u>taht piena ta' nullità, ghandha ssir bil-miktub</u> (sottolinear tal-Qorti). Oltre dan din il-Qorti ma tistax tmur ghax kif gie ritenut f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna fin-nuqqas ta' din il-forma jonqos element essenzjali ghall-konkluzzjoni tal-kuntratt.

"Dan il-principju huwa forsi aktar rilevanti fil-kawza konnessa fl-ismijiet inversi fuq citata però ghandu wkoll rilevanza ghall-kaz odjern.

"Stabbilit dan il-punt ghalhekk jirrizulta li bejn il-partijiet il-bejgh kien ghadu mhux konkluz izda kien hemm ftehim fuq l-oggett, il-prezz u modalitajiet ohra w allura zgur li kien hemm il-promessa ghall-bejgh u xiri kif kontemplati fl-Artikolu 1357 u 1360 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16.

"Normalment din il-promessa ghandha twassal ghall-ftehim finali u, f'dan il-kaz, ghall-akkoljiment tal-talbiet attrici li jidhru li huma gustament ibbazati fuq l-istess Artikolu 1357.

"Jidher illi kien hemm ragunijiet validi moghtija miz-zewg nahat il-ghala ma saritx ir-registrazzjoni tal-vettura. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tindaga dak li ssostni s-socjetà attrici jekk huwiex minnu li l-vettura ma setghetx tigi

assikurata minghajr din ir-registrazzjoni, minkejja illi l-obbligu li taghmel din l-assikurazzjoni kien jispetta lill-istess socjetà attrici. Però, apparti mill-fatt marginali illi ma hemm l-ebda obbligu legali li vettura tkun assikurata kontra s-serq sabiex tkun fit-triq din il-kwistjoni hija sekondarja ghall-fini ta' din il-kawza.

"Ovvjament mil-lat prattiku u finanzjarju (u anke mil-lat ta' din il-Qorti li kienet kieku tevita li tikteb din is-sentenza) kien ikun ahjar ghal kulhadd li kieku kien hemm assikurazzjoni. Ma kien hemm, però, ebda obbligu specifiku fuq ebda wahda mill-partijiet f'din il-kawza li tohrog din l-assikurazzjoni almenu sal-punt fl-istorja ta' dawn il-fatti fejn il-vettura nsterqet. U allura tqum proprju dak li ghandu jkun il-punt legali vitali f'din il-kawza, u cioè min ghandu jbati l-konsegwenzi ta' din is-serqa konsiderat l-fatti kif esposti fil-parametri tat-talbiet attrici - talba ghal konsenja u danni konsegwenzjali fin-nuqqas?

"Huwa daqstant ovvju li l-konsenja ma setghetx issir ghax l-oggett ma kienx ghadu jezisti. Gie stabbilit illi din is-serqa ghandha tkun ikkonsidrata legalment bhala 'forza magguri'. Fil-punt meta din grat il-proprjetà tal-vettura kienet ghadha tas-socjetà konvenuta li però kellha l-obbligu li tittrasferixxi l-vettura lis-socjetà attrici. Irrizulta però mill-provi illi l-pussess materjali ta' dan l-oggett gie mghoddi lis-socjetà attrici qabel ma gie konkluz il-bejgh. Mix-xhieda moghtija wkoll mil-kjamat fil-kawza jirrizulta illi t-talba biex huwa jiehu l-pussess materjali tal-vettura saret mis-socjetà attrici u fl-interess taghha minkejja li probabbilment huwa minnu illi huwa gie originarjament irrikmandat ghal dan ix-xoghol mis-socjetà konvenuta.

"Il-Qorti hasbet fit-tul kif setghet tqieghed f'inkwadratura legali dak li huwa ovvju li jirrikjedi l-ekwità w l-gustizzja. Il-Kodici Civili effettivament jipprovdi proprju ghal kaz bhal dan odjern fejn jitkellem fuq il-mod ta' kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet - f'dan il-kaz l-obbligu tal-konvenut li jaghmel il-konsenja naxxenti mill-obbligi tal-konvenju li kien jezisti bejn il-partijiet. L-Artikolu 1207 infatti jikkontempla l-kaz tat-telfa tal-haga li kienet l-oggett ta' l-obbligazzjoni '*meta haga certa u determinata illi kienet l-oggett ta' l-obbligazzjoni, tispicca, jew tigi mqieghda extra commercium, jew tintilef b'mod li tkun ghal kollox mhux maghrufa l-ezistenza taghha, l-obbligazzjoni tispicca,*

*kemm-il darba l-haga tkun spiccat jew giet mahruga mill-kummerc jew intilfet minghajr htija tad-debitur, u qabel ma dan kien in mora*.' (Sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 1207).
"F'dan il-kaz fejn id-debitur ma ghandux htija, kif jirrizulta li ma ghandux fil-kaz odjern, huwa biss tenut li '*jcedi lill-kreditur kull jedd jew azzjoni li jista' jkollu ghall-hlas tad-danni dwar dik il-haga*.' (Art. 1208, Kapitolu 16)."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur nomine illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab hekk:
"illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell - dejjem fir-rigward tad-ditta Mira Motor Sales Limited - tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 1999, f'din il-kawza fl-ismijiet premessi, hlief fejn akkoliet [*sic*] nofs l-ispejjes fuq id-ditta konvenuta u - fuq l-istess ragjunament ta' l-ewwel Onorabbli Qorti - tikkundanna lill-istess ditta konvenuta tirrifondi u tregga lura l-ammont ta' Lm1,722 li d-ditta attrici kienet hallsitha fl-10 ta' April, 1992, bl-imghax minn din l-istess data. Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra d-ditta appellata."

Rat ir-risposta tal-konvenuti nomine illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew, *in linea* preliminari, illi l-appell huwa irritwali u null u talbu illi l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellanti;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, jehtieg illi tigi konsidrata s-sottomissjoni hawn fuq imsemmija, maghmula mill-konvenuti nomine fir-risposta ta' l-appell taghhom, illi l-appell interpost mis-socjetà attrici huwa irritu u null;

Illi l-konvenuti nomine jaghmlu s-sottomissjoni taghhom appena msemmija fit-termini segwenti:

1. “Preliminarjament l-irritwalità u n-nullità tal-appell odjern stante illi kuntrarjament ghall-dak dispost fl-artikolu 143 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili l-appellanti minflok ma talab li t-talbiet attrici jigu milqugha, introduca talba gdida fi stadju ta’ appell u qed jitlob li tali talba tigi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Permezz tac-citazzjoni odjerna s-socjetà appellanti keient talbet illi (1) is-socjetà tigi kundannata tikkonsenja t-*truck* in kwistjoni lis-socjetà attrici, (2) in difett is-socjetà konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghad-danni ‘minhabba n-nuqqas ta’ konsenja’, (3) tillikwida dawn id-danni u (4) tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici d-danni hekk likwidati. L-artikolu 143 fuq citat jipprovdi illi:-
‘(1) *Ir-rikors ghat-thassir tas-sentenza ghandu jkun fih riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qieghda tigi appellata flimkien mar-ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qieghed isir l-appell u fih ghandu jintalab li dik it-**talba tigi milqugha** jew michuda*.’
2. Illi fir-rikors tal-appell taghha s-socjetà appellanti minflok ma qed titlob li t-talbiet attrici jigu akkolti qed titlob li din l-Onorabbli Qorti tal-appell ‘tikkundanna lill-istess ditta konvenuta tirrifondi u tregga lura l-ammont ta’ Lm1722 li d-ditta attrici kienet hallsitha fl-10 ta’ April 1992’ talba gdida li qed tigi introdotta fl-appell. Permezz ta’ din it-talba gdida is-socjetà appellanti qed tittenta tbiddel radikalment il-kawza minnha propos[t]a li kienet u tibqa kawza ippermjata [*sic*] fuq il-pretensjoni tas-socjetà attrici appellanti illi l-vettura ma kenitx giet lilha ikkonsenjata. Id-danni minnha pretizi fil-kawza odjerna huwa dawk naxxenti mill-pretensjoni taghha ta’ mankanza ta’ konsenja tat-*truck*. L-ammont li issa qed tippretendi fl-appell ma hux konsegwenza ta’ mankanza tal-konsenja tat-*truck* izda qed jigi pretiz minhabba l-pretensjoni li l-bejgh ma giex konkluz, pretensjoni li kif già inghad hija totalment differenti minn dik kif imressqa fil-kawzali tal-prezenti citazzjoni u ghalhekk tali bdil jirrendi l-appell irritu u null.”

Ikkunsidrat:

Illi hija kkwotat *in extenso* mir-risposta ta' l-appell tas-socjetà konvenuta ghaliex, oltre dak illi jinghad fiha, ma tantx hemm wisq x'wiehed izid. Ma hemm ebda dubbju illi - apparti t-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata - l-unika talba illi qed jaghmel l-attur nomine fir-rikors ta' appell tieghu, dik illi dina l-Qorti, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, "… tikkundanna lill-istess ditta konvenuta tirrifondi u tregga lura l-ammont ta' Lm1,722 li d-ditta attrici kienet hallsitha fl-10 ta' April, 1992, bl-imghax minn din l-istess data", ma tinkwadra ruhha f'ebda wahda mit-talbiet illi l-istess attur nomine ghamel fl-att ta' citazzjoni odjern. Ghalhekk, anqas ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi dina l-Qorti - bhala qorti ta' revizjoni - ma tistax tilqa' t-talba appena citata ta' l-attur nomine appellant. Però, in vista ta' dak illi jipprovdi s-subartikolu hamsa (5) ta' l-artikolu 143 tal-Kap. 12, ma jistax jinghad illi l-appell interpost mill-attur nomine huwa irritu u null, kif qed jippretendu l-konvenuti nomine. Infatti, l-imsemmi artikolu 143(5), Kap. 12 jipprovdi hekk:
"In-nuqqas ta' tharis ta' dak li hu mehtieg skond is-subartikolu (1), (2) u (3) ta' dan l-artikolu, ma jaghmilx null ir-rikors; …" (sottolinear tal-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi la darba, kif ghadu kemm inghad, it-talba ta' l-attur nomine appellant ghall-kundanna tal-konvenuti nomine appellati sabiex jirrifondu s-somma ta' Lm1,722, flimkien ma' l-imghax relativ, ma tistax tintlaqa', anqas ma tista' tintlaqa' t-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata peress illi, l-akkoljiment ta' l-ahhar imsemmija talba necessarjament igib bhala rizultat illi l-azzjoni inizjata permezz ta' l-att ta' citazzjoni odjerna tibqa' minghajr gudikat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-attur nomine u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------